MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Numru 117/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**Vs**

Mary Doris Cuschieri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li biha l-imputata Mary Doris Camilleri ta' karta ta' identita' numru 178462(M) tinsab akkuzata talli:

Fl-14 ta' Gunju, 2001 u matul is-snin precedenti bhala detentrici tal-fond b'numru 31/33, Triq Santu Rokku, Mosta, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-

imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkometta serq ta' kurrent elettriku li l-valur tieghu jeccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira illi hu ggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta. Akkuzata wkoll talli matul l-istess perjodu kkagunat hsara volontarja fuq l-istess meter liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10) u dan ghad-dannu tal-istess korporazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni ippersistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tiikkonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputata hija akkuzata ta' serq ta' elettriku u hsara volontarja ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Fuq din l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputata ssibha hatja tal-akkuzi kontriha dedotti.

Rat l-artikolu 261, 264, 270, 279 u 280 tal-Kap 9, ikkonsidrat l-process verbal u fic-cirkostanzi tiddecidi li tillibera lill-imputata taht l-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat zmien tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------